MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 19/1992/1

**Louis Gauci**

**-vs-**

**Angela Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenuta hija proprjetarja tal-fond gja numru 8 Triq Karmnu Zarb, Gharghur adjacenti mal-fond proprjeta` ta' l-attur maghruf bhala GiGi Kate, Triq l-Oratorju Gharghur;

Premess illi l-konvenuta qeghda ttella bini fl-istess fond u fethet twieqi f'dan il-fond li ghandu ghal gol-bitha proprjeta` ta' l-attur;

Premess illi l-attur ma jridx li jkun hemm twieqi jharsu ghal fuq il-proprjeta` tieghu mill-proprjeta` tal-konvenuta u b'ittra ta' l-20 ta' Dicembru 1991 talabha taghlaq l-istess twieqi izda inutilment;

Premess ukoll fil-kors tal-kostruzzjoni hija invadiet parti mill-proprjeta` ta' l-attur u ghalhekk din il-kostruzzjoni trid tintefha lura biex il-proprjeta` ta' l-attur tibqa shiha u impregudikata;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuta taghlaq it-twieqi li hija fethet jew qed tiftah fil-proprjeta` taghha, li jaghtu ghal fuq il-proprjeta` ta' l-attur kif fuq inghad;

2. Tigi stabbilita l-linja divizorja bejn il-proprjeta` ta' l-attur u dik tal-konvenuta u tigi konsegwentement il-konvenuta ordnata tnehhi dak ix-xoghol li hija ghamlet fuq l-art proprjeta` ta' l-istess attur;

3. Jigi l-istess attur awtorizzat in difett jaghmel ix-xoghol mehtieg a spejjez ta' l-istess konvenuta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi t-twieqi li ghalihom l-attur ghamel referenza m'humiex xi twieqi li nbnew recentement izda huma twieqi li ilhom jezistu mill-bidu ta' dan is-seklu;

2. Illi recentement il-Gvern ghadda triq li parti minnha estendied fuq il-prorpjeta` ta’ l-attur u tal-konvenuta u fil-fatt parti mill-bini twaqqa u nbena mill-istess Gvern;

3. Illi l-parti tal-bini tal-konvenuta fejn hemm it-twieqi in kwistjoni twaqqa mill-Gvern u rega’ nbena bit-twieqi ezatt kif kienu qabel u bl-istess dimensjonijiet;

4. Illi m’huwiex minnu illi l-konvenuta b’xi mod aggravat il-fond ta’ l-attur b’mod aktar oneruz milli kien qabel ma gie demolit u rikostitwit mill-Gvern;

5. Illi lanqas ma huwa minnu illi fil-kors tal-kostruzzjoni l-konvenuta invadiet parti mill-proprjeta` ta’ l-attur;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Marzu 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku AIC David Pace bis-soliti fakoltajiet;

Rat id-digriet tat-3 ta’ April 1992 li permezz tieghu l-imsemmi espert tekniku gie sostitwit bl-AIC Joseph Huntingford bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Novembru 1994 li bih gie sostitwit AIC Joseph Huntingford (li miet fil-mori tal-kawza) bl-AIC Frederick Doublet biex iffittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 45 *et sequitur* u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-8 ta’ Lulju 1998;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni ta’ l-istess espert tekniku;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Il-fatti f'din il-kawza jistghu jigu hekk brevement sintetizzati:-

I) Il-kontendenti huwa girien u ghandhom fondi, proprjeta` taghhom, adjacenti ghal xulxin fil-Gharghur;

II) Minhabba progett mahsub minnu, il-Gvern waqqa' dawn il-fondi kompriz fond iehor ta' terzi, u rega' irrikostruwihom b'bennejja inkarigati minnu. Ghalanqas dan hekk sar fil-kaz tal-fond tal-konvenuta;

III) Hemm qbil bejn il-partijiet illi originarjament dawn il-fondi kienu fond wiehed u li inoltre l-fond tal-konvenuta gja qabel id-demolizzjoni, kellha servitu ta' twieqi jaghtu ghal fuq il-fond ta' l-attur. B'kollox kien hemm sitt itwieqi: wahda fil-livell tal-basement u hamsa fuq;

L-attur jilmenta illi fil-kors tal-kostruzzjoni, il-konvenuta invadiet parti mill-proprjeta` tieghu u dippju din fethet twieqi ghal fuq il-bitha tal-fond tieghu;

Kwantu ghall-ewwel aspett tal-vertenza l-perit relatur jirrileva illi mill-accertamenti li ghamel "il-konvenuta mhux talli ma invadietx il-proprjeta` ta' l-attur izda naqqset minn taghha bhala linja medjana tal-hajt il-gdid", u ghalhekk iddikjara li dan l-ilment ta' l-attur ma ghandu l-ebda fondament mil-punto di vista tekniku;

Apparti rilevanzi ohra ta' natura guridika jidher li l-kwistjoni preponderanti f'din l-istanza tikkoncerna l-fatt tat-twieqi. Sa' certu punt il-materja ma tirrigwardax ghal kollox il-fatt

tal-ftuh, gjaladarba t-twieqi, jew uhud minnhom, kienu jippre-ezistu qabel id-demolizzjoni tal-fond, izda jekk dawk rikostruwiti kienux konformi ghal ta' qabilhom, jew ukoll, sarux ohrajn godda fejn qabel ma kienx hemm;

F'wahda mill-osservazzjonijiet taghha esposti fin-Nota a fol. 135 tal-process, il-konvenuta tikkontendi illi, kif formulata, l-ewwel domanda attrici ma tregix u dan gjaladarba l-attur innifsu jaccetta li l-fond taghha gja kellu twieqi jharsu ghal fuq il-bitha tieghu;

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragjonament. Huwa veru li c-citazzjoni messha giet redatta ahjar u anzi, qabel ma irredigiha, min kien responsabbli messu kellu l-fatti kompleti u li jikkorrispondu ghall-ilment proprju, del resto mistqarr mill-istess attur fl-eweel seduta, u cioe` li t-twieqi "saru ikbar u bis-soll taghhom aktar l-isfel". Cionostante t-talba hi xorta wahda salvabbli jekk, u kif irrizulta mill-kostatazzjonijiet peritali, it-twieqi godda li nfethu ma jiriflettux, ghal dik li hi identita` u ghamla, is-sitwazzjoni originarja tat-twieqi, b'zieda wkoll ta' apertura gdida;

Gja fl-imghoddi, qabel l-emendi aktar flessibbli introdotti fl-1995 ghal Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-Qrati taghna kienu, in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza, addottaw is-sistema aktarx liberali meta l-kawzali tad-domanda ma tkunx imfissra sew imbaghad din tirrizulta minn dikjarazzjonijiet, dokumenti jew fatti tal-kawza ("**E. Camilleri -vs- G. Abdilla**", Prim' Awla, Qorti Civili per Imhallef W. Harding, 26 ta' Ottubru 1935; **Vol. XLVIII P II p 777**);

Issa minn dak konguntament dikjarat mill-kontendenti fis-seduta tas-7 ta' Novembru 1997 jidher, ghalkemm dan mhux minn provi diretti u konkluzivi, li tezisti s-supposizzjoni illi x-xorta ta' servitu` tat-twieqi in disamina li kellu l-fond tal-konvenuta tnisslet '*per destinazione del padre di famiglia*' gjaladarba jinghad illi anterjorment iz-zewg fondi kienu fond wiehed. Insibu fl-Artikolu 468 tal-Kodici Civili illi biex tissussisti din is-servitu` tehtieg i-prova li z-zewg fondi kienu ta' l-istess sid, u li kien ukoll dan is-sid li qieghed jew halla l-haga fl-istat li minnu tnisslet is-

servitu (Vide fuq din il-materja sentenzi fl-ismijiet "**A. Portelli -vs- E. Portelli**"; Appell Civili, 2 ta' Awissu 1994; "**Jos. Borg -vs- Victor Refalo**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). Minn dak certament prezunt mil-qari ta' l-Artikolu 469, is-servitu b'dan il-mod krejata tirrigwarda biss seritujiet kontinwi u apparenti (Artikolu 455 (2) u (4));

Huwa wkoll indiskuss anke ghaliex hekk jistabilixxi l-Artikolu 479 tal-Kap. 16, illi servitu li jgawdi fond jerga' jigi ravvivat kemm il darba il-fond jigi repristinat fi stat li wiehed jista' jerga' jinqeda bih u ma jkunx ghadda zmien bizzejjed biex is-servitu titqies estinta;

Il-punt hawn ezaminat ma jikkoncernax l-estinzjoni tas-servitu minhabba d-dekorrenza taz-zmien sancit fl-Artikolu 481(1) tal-Kodici Civili, izda pjuttost jekk bil-mod kif gew rikostruwiti l-aperturi jistax jinghad li issa s-servitu giet reza aktar gravuza ghal fond servjenti, proprjeta` ta' l-attur;

F'dan il-kuntest l-Artikolu 475 tal-Kodici Civili jippreciza illi "kull min ghandu jedd ta' servitu ghandu jinqeda b'dan il-jedd skond it-titolu tieghu, u ma jista' jaghmel la fil-fond servjenti u lanqas fil-fond dominanti ebda tibdil li jista' jtaqqal izjed il-piz tal-fond servjenti.";

Dejjem in tema tad-disposizzjonijiet tal-ligi *in subjecta materia* dwar x'inhu permissibbli jew ipprojbit, lanqas ma jista' it-titolari ta' servitu jippretendi estensjoni tas-servitu (Artikolu 476) fuq il-motiv li l-ezercizzju taghha skond it-titolu jkun sar insufficcjenti minhabba tibdiliet. Il-kliem "dak kollu li hu mehtieg" fit-test ta' dan l-artikolu ghandu jigi interpretat b'referenza ghaz-zmien tal-kostituzzjoni tas-servitu u mhux in referenza ghall-izvilupp li jkun ghamel wara dak iz-zmien sid il-fond dominanti ("**Dr. Galea Naudi -vs- Mifsud**", Qorti ta’ l-Appeill, 27 ta' Mejju 1927; "**Fortunato Farrugia et -vs- Vincenzo Galea**", Prim' Awla, 19 ta’ April, 1947;

Dejjem in tema ta' servitujiet m'ghandux jonqos li jigu senjalati ukoll dawn l-aspetti ta' interess, hekk dottrinalment u gurisprudenzjalment affermati:-

(a) Is-servitujiet huma '*di stretto diritto*' u kull limitazzjoni ghad-dritt li wiehed jisserva liberament bi hwejjgu ghandha tircievi interpretazzjoni rigoruza anke ghaliex is-servitu hi eccezzjoni ghar-regola tal-massimu u liberu godiment ta' fond;

(b) Tant dan hu hekk illi jinsorgi l-principju l-iehor li fejn ikun hemm dubbji dwar l-estensjoni ta' servitu`, '*quod minimum est sequimur*' ("**Maria Azzopardi -vs- Giuseppe Sciberras**, Appell Civili, 18 ta' Ottubru 1963; Vol. XXX P I p 139). Li jfisser li "*si deve interpretare in senso restrittivo e qualunque dubbio circa la detta materia si deve risolversi in vantaggio del possessore del fondo serviente ...*", (**Vol. XVIII P II p 325; Vol. XXVI P I p 759**);

Irid issa jigi ezaminat jekk l-accertamenti u l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, li, kif mistenni, evita li jindaga jew jelabora dwar in-nozzjonijiet legali tal-materja, iwasslux biex isostnu l-fatt ta' l-allegat aggravament tas-servitu fil-kaz *de quo*. Din hi kwistjoni ta' fatt dipendenti mill-provi.

Fil-parti konkluzjonali tar-relazzjoni tieghu l-espert tekniku jsostni illi fil-maggjor parti taghhom l-aperturi l-godda gew imkabbra u / jew spustati fil-paragun ma' dawk originarji, u li inoltre, fejn qabel il-fond tal-konvenuta kellu projezzjoni (speci ta' miziep) din issa saret apertura ta' dimensjonijiet akbar. F'paragrafu 16 (6) (vi sa' xi) huwa joffri spjega dettaljata dwar l-istat attwali ta' l-aperturi ghal dak li hu kobor u ghamla;

Rinfaccjata b'dawn ir-rizultanzi peritali l-konvenuta ghazlet li ma tipprevalix ruhha mill-fakolta` b'talbat ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Minflok illimitat ruhha li tikkumbattihom billi sejhet lill-espert in eskussjoni u bl-osservazzjonijiet agguntivi arguwiti fin-nota taghha. Dan naturalment huwa wkoll konsonu mal-ghodod procedurali li l-ligi tqieghed ghad-disposizzjoni tal-partijiet f'kawza. Cionostante, il-kompitu tal-Qorti jsir aktar difficli in kwantu "*il giudizio dell' arte*" espress mill-espert nominat minnha mhux facli li jigi skartat. Biex taghmel dan il-Qorti jahtiegilha tara jekk fil-kumpless tac-cirkostanzi dan il-

gudizzju huwiex wiehed irragjonevoli jew priv minn dawk l-elementi assodanti li jwasslu ghal konvinciment;

Din is-sitwazzjoni hi ben traccjata u elokwentement esposta fil-kumment u l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et**" deciza fid-29 ta' Mejju 1998, fejn jinghad dan:-

"Il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu prova. Opinjoni li ghandha valur probatorju daqs kull prova ohra u li tibqa' tipprevali sakemm ma tigix kontrastata jew bi provi ohra li jikkontraducuwha jew altrimenti b'sottomissjonijiet tal-parti li jinnewtralizzawha bhala wahda mhux attendibbli u kredibbli."

Issokta jigi aggunt illi "hu veru wkoll li l-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha (Artikolu 681 tal-Kap. 12). Dan pero` ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.";

Fir-ragunar li taghmel il-konvenuta fin-Nota taghha (fol. 135 tal-process) din issostni li:-

(a) Ma ngiebet l-ebda prova mill-attur dwar id-dimensjonijiet ta' l-aperturi pre-ezistenti;

(b) Ma taqbilx mal-konkluzjoni peritali fejn intqal li xi aperturi saru aktar gholja jew wiesgha;

(c) Fuq kollox, ghal motivi fin-Nota espressi, ma taqbilx mal-metodologija addottata mill-perit tekniku biex wasal ghal kostatazzjonijiet tieghu, u li skond il-fehma taghha, din ma kinitx idonea u teknikament konvincenti;

A prima vista dina l-Qorti tasal biex tghid illi thossha kemmxejn perturbata mill-uzu ta' metodologija li ma

twassalx ghall-prova teknika aktar akkurata u certa. Fil-verita` fil-kaz *de quo* il-perit gudizzjarju issenjala huwa stess, u anzi, emfasizza, li l-metodu wzat minnu fuq il-prova tar-ritratti biex jasal ghall-wisghat (u mhux ukoll, l-gholi) ta' l-oggetti qabel twaqqghu ma hux ezatt. Skond kliemu dan hu dovut "ghal diskrepanzi fil-kejl dovuti ghall-perspettiva, fejn oggett 'il boghod jidher izghar minn wiehed daqsu izda aktar vicin il-punt minn fejn jittiehed ir-ritratt." (para. 16.6 (iv));

Mill-banda l-ohra huwa veru wkoll illi f'kazijiet konsimili spiss jigri illi mhux dejjem hu possibbli fil-prattika illi l-ilment li jaghti lok ghall-azzjoni jigi accertat b'regoli jew xjenza ezatta. Meta jokkorri bhal f'dan il-kaz, illi ma tkunx tista' ssir il-prova solita jew dik teknikament aktar idonea, l-ahjar prova alternattiva, tenut rigward tac-cirkostanzi, hi dejjem permissibbli jekk mill-ispjega fornita dwarha u mill-kumpless taghha l-gudikant ihossu perswaz u sodisfatt;

Fil-kaz in ispecje l-perit tekniku ibbaza l-verifiki u l-opinjonijiet tieghu kemm fuq ir-ritratti kif ukoll fuq il-pjanta tal-Gvern, minbarra fuq assunzjonijiet li perit validament kwalifikat u espert bhala ma hu AIC Frederick Doublet, seta' jikkonsidra;

Kif gie rilevat fid-decizjoni recensjuri tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Frar 2001 fil-kawza fl-ismijiet "**Benjamin Camileri noe -vs- Charles Debattista noe**", u li twiegeb sewwa ghall-punt hawn dibattut:-

"F'kawza ta' din ix-xorta mhux insolitu li jibqghu domandi bla risposta u incertezzi dwar metodu u kalkoli li jkunu saru fuq kriterji li mhux necessarjament ikunu universalment accettati mill-kontendenti. Fl-ahhar mill-ahhar pero` kienet il-fehma tat-teknici illi f'materja ta' din ix-xorta kelha tiggwida lill-Qorti ... F'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant li jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjonijiet tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghax necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghall-konvinciment

divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati.";

Jifdal *in finis* li jigi konsiderat l-aspett l-iehor sollevat ukoll mill-konvenuta u cioe` l-indagini jekk bix-xoghlijiet li saru s-servitu` gietx reza aktar oneruza;

Il-ligi ma taghtina l-ebda definizzjoni jew tifsira ta' x'jikkostitwixxi stat oneruz jew gravuz f'kazijiet bhal dan izda tillimita ruhha biex tghid illi ma jista' jsir fil-fondi, kemm dak dominanti u dak serventi, "ebda tibdil li jista jtaqqal izjed il-piz tal-fond serventi" (Artikolu 475). Dan b'applikazzjoni tal-principju dettat mill-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili fejn jiddisponi illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu." Minn dak rintraccjat f'sentenza riportata a **Vol. IX pagna 589**, insibu din l-osservazzjoni:-

"*La legge, vietando di far cosa, che rende piu` grave la servitu` del fondo inferiore, volle necessariamente intendere che il risultato dell' atto del proprietario superiore arrecchi un pregudizio reale, non verificandosi il quale, l'atto dev'essere mantenuto. Il-pregudizio adunque sara` ognora la norma, che dovranno osservare il tribunale nel pronunziare. Non giustificando il proprietario del fondo inferiore un reale pregudizio, le opere nuove, che si facessero dal superiore, devono esser conservate.*" - "**Nobile Orade Testaferrata Viani -vs- Lorenzo Farrugia Bugeja**", 24 Novembre, 1881, konfermata in sede appell fit-30 ta' Gunju 1883 (Vol. X pag. 176). Tali principju gia addottat ukoll fid-decizjoni riportata a **Vol. XXIX P II p 590;**

Naturalment kollox jiddependi mill-fattispecje ta' kull kaz. B'danakollu jekk dan ir-ragjonament jigi segwit u applikat fil-kaz taghna, u salv dak li ser jinghad aktar l-isfel, difficilment jista' jinstab jew ritenut x'inkomodu gravi jew pregudizzju serju sofra l-fond ta' l-attur fir-rigward ta' whud mill-aperturi. La r-rapport peritali u lanqas il-provi l-ohra ma jispecifikaw f'hiex jikkonsisti l-aggravju jew xkiel ghal fond servjenti bil-fatt ta' l-ispustar ta' l-aperturi mis-sitwazzjoni li kienu dawk precedenti fil-hajt originali.

Kwantu ghat-tkabbir taghhom hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-unici aperturi li jista' jinghad li fihom sar tibdil modifikatrici razenti l-aggravament tas-servitu gja ezistenti huma dawk deskritti bhala t-tieqa tax-xellug u t-tieqa tal-lemin kif dettaljat f'para. 16.6 (ix u x) tar-relazzjoni.  F'kazijiet bhal dawn il-Qorti tifhem illi mhux dejjem facli li oggettivament tistabbilixxi il-fatt ta' l-aggravament b'mod assolut u spiss jigri li jkun mehtieg li tuza d-diskrezzjoni taghha wara ezami soggettiv tal-provi.  Dejjem pero` ghandha tkun il-mira li filwaqt li tirrikonoxxi d-dritt tal-vantagg ghal fond dominanti, dan l-istess vantagg ma johloqx soggezzjoni zejda lil fond serventi;

Dwar l-apertura imsemmija f'para. 16.6 (vii) hawnhekk non si tratta proprjament ta' kwistjoni ta' aggravament jew pregudizzju, izda pjuttost ta' kwistjoni ta' dritt bil-krejazzjoni mhux konsentita jew awtorizzata ta' apertura gdida.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-Ewwel Domanda attrici limitatament ghal kaz ta' l-apertura imsemmija f'paragrafu 16.6 (vii) tar-rapport peritali u tordna li ghandha tinghalaq. Tordna li l-aperturi elenkati f'paragrafu 16.6 (ix u x) ta' l-istess rapport jergghu lura ghad-dimensjonijiet kif kienu dawk originali u dan kif ahjar ipprecizat mill-Arkitett Frederick Doublet fir-relazzjoni tieghu.  Ix-xoghlijiet kollha ghandhom isiru mill-konvenuta u a spejjez taghha fi zmien perentorju ta' erbghin (40) gurnata taht is-supervizjoni u direzzjoni ta' l-imsemmi perit li qed jigi nominat ghal dan l-iskop; b'dan illi fin-nuqqas ta' ezekuzzjoni mill-konvenuta ta' l-ordni hawn moghtija u fiz-zmien lilha prefiss, tawtorizza lill-attur jesegwixxi l-istess xoghlijiet kif fuq kontemplat a spejjez tal-konvenuta.  F'dan is-sens ghalhekk il-Qorti qed tilqa' wkoll it-Tielet Talba.

It-Tieni Domanda attrici qed tigi rigettata u dan in raguni ghal motivi fir-rapport peritali dedotti.

L-ispejjez tal-kawza huma kif gej: kwantu ghall-Ewwel u t-Tielet Talbiet dawn huma a kariku tal-konvenuta, salv l-ispejjez tar-Registru u dawk tal-perit tekniku li, tenut rigward tac-cirkostanzi, ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.  L-ispejjez tat-Tieni Talba jibqghu a kariku ta' l-attur.

(ft) Philip Sciberras
_________________________
Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha
_______________________
Emanuel Sciriha
Deputat Registratur